MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru. 9/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Nicholas Mallia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Nicholas Mallia ta' 60 sena, iben John u Mary Lourdes nee' Farrugia, imwieled Mqabba, fit-18 ta' Jannar, 1944 u residenti Farmhouse, 'Dar il-Hena', Triq Hal Kirkop, Mqabba u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 94144 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. Fit-30 ta' Dicembru 2004 bejn is-2.00 pm u t-8.00 pm, mill-Kalkara u mill-Birgu b' diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u maghmulin b' rizoluzzjoni wahda

ikkommetta serq ta’ tnejn u ghoxrin (22) skip li l-valur taghhom huwa ta’ mitejn lira Maltin (Lm 200) ‘il wiehed u li bhala valur globali jlahhaq it-tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm 4400), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bil-persuna.

2. Fl-istess cirkustanzi xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b‘qerq, jew akkwistati b’ reat jew indahal biex jmexxihom.

3. Fl-istess cirkustanzi ezercita jedd li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, fixkel lil xi hadd fil-pussess ta‘ hwejgu jew b‘xi mod iehor kontra l-Ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 15 ta’ Lulju 2005 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 261 (c) (d) (f), 267, 268, 270 ,279 , 280 u 281 tal-Kodici Kriminali ; fl-Artikoli 18 u 334 tal-Kodici Kriminali ; fl-Artikoli 18 u 85 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta’ Ottubru 2005 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza naqset milli tipprezenta in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali entro t-terminu koncess lilha.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda it-tehid ta’ tnejn u ghoxrin (22) *skip* fit-30 Dicembru 2004 bejn is-2.00pm u t-8.00pm mill-Kalkara u mill-Birgu. Fl-imsemmija data is-Sindki rispettivi tal-Birgu u tal-Kalkara, John Boxall u Michael Cohen rispettivament, kienu ghamlu rapport fl-Ghassa ta’ Bormla li dakinhar stess kienu sabu neqsin diversi *skips* mill-

lokalitajiet ta’ Birgu u l-Kalkara, liema *skips* kienu propjeta’ tal-Kunsilli Lokali rispettivi. Is-

Sindku tal-Birgu kien irraporta wkoll li kien ra lill-imputata jghabbi xi *skips* fil-vann tieghu mill-Birgu.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni irrizulta li naqsu zewg *skips* mill-lokalita’ ta’ Bormla u ghoxrin skip mill-lokalita’ tal-Kalkara. Irrizulta wkoll li sa ftit taz-zmien qabel ma sar ir-rapport in kwisjtoni l-imputat kien il-kuntrattur inkarigat miz-zewg Kunsilli tal-Kalkara u ta’ Bormla sabiex jigbor l-iskart. Iz-zewg Sindki li ghamlu ir-rapport xehdu f’dawn il-proceduri fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2005 izda ghalkemm qalu li l-*iskips* li ttiehdu kienu propjeta’ tal-Kunsilli rispettivi taghhom ma gabu ebda prova dokumentarja fir-rigward. Huma qalu li originarjament l-iskips kienu propjeta’ tal-KIP–Kooperattiva Indafa Pubblika, izda mbaghad meta din il-Kooperattiva falliet dawn l-iskips saru propjeta’ tal-Kunsilli.

Meta l-imputat irrilaxxja stqarrija lil Pulizija (inserita a fol. 19 u 20 tal-process) huwa kien mal-ewwel ammetta li huwa ha tlettax-il skip mill-Kalkara u zewg skips mill-Birgu izda spjega wkoll li kien hadhom ghaliex kien qed jippretendi li dawn kienu tieghu. Huwa spjega inoltre li dawn l-iskips kienu nxtraw mill-Kooperattiva Indafa Pubblika li taghha huwa kien membru, liema Kooperattiva kellha sebghin membru, u l-membri

kienu hargu l-flus bejniethom sabiex jinxtraw l-iskips. Huwa spjega inoltre li l-imsemmija Kooperattiva ma kienitx ghadha tezisti u innega li huwa kien seraq dawn l-iskips izda qal li kien hadhom ghaliex deherlu li kienu tieghu peress li kien hareg il-flus ghalihom u anki minhabba l-fatt li il-kuntratt ghall-igbir tal-iskart issa kien inghata miz-zewg kunsilli in kwistjoni lil kuntrattur iehor u dan tal-ahhar kien qed jutilizza dawn l-iskips li huwa (l-imputat) deherlu li kienu tieghu. L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2007 fejn inghatat l-istess verzjoni tal-fatti bhal dik moghtija fl-istqarrija minnu rilaxxjata a tempo vergine. L-imputat kien indika lil Pulizjia

li kien ha l-sikips in kwisjtoni fil-garaxx tieghu u kien hadhom fil-post u fil-fatt tlettax-il skip gew sekwestrati mill-Pulizija mill-imsemmi garaxx propjeta’ tal-imputat.

Ikkusnidrat:

Illi minn ezami tal-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b’mod skjaccanti li l-fatti tal-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap, 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda bl-ebda mod ma jista’ jigi ritenut li jikkonkorru l-elementi tar-reati ta’ serq aggravat jew ta’ ricettazzjoni li bihom l-imputat jinsab akkuzat permezz

tal-ewwel u t-tieni akkuza. Mill-provi rrizulta car li kien hemm kwisjtoni bejn il-Kunsilli Lokali in kwistjoni u l-imputat dwar lil min kienu jappartjenu dawn l-iskips anki ghaliex il-kuntratt ghall-igbir tal-iskart kien ghadu kemm inghata lil kuntrattur iehor u kienet giet terminata ir-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn l-imputat u l-Kunsilli Lokali tal-Birgu u tal-Kalkara u kienet falliet il-Kooperattiva Indafa Pubblika li taghha l-imputat kien membru. Is-Sindki taz-zewg lokalitajiet jammettu li l-iskips originarjament kienu nxtraw mill-Kooperattiva izda jsostni li dawn l-iskips kienu saru taghhom meta falliet il-Kooperativa u peress li l-bill bonds minnha prezentati meta inhareg it-tender ma kienux inghataw lura mill-istess Kooperattiva. Il-Kunsilli Lokali tal-Birgu u tal-Kalkara izda ma gabu ebda dokument li jindika li l-propjeta’ tal-iskips li ttiehdu mill-imputat kienet ghaddiet f’idejhom. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat in kwantu jirrigwarda l-propjeta’ tal-iskips inoltre giet konfermata minn John Micallef (deposizzjoni relattiva nserita a fol. 52 tal-process) li kien il-Manager mahtur mill-Gvern sabiex imexxi il-Kooperattiva ghall-Indafa Pubblika fejn dan qal li l-iskips li kien hemm il-Kalkara u l-Birgu kienu inxtraw mill-Kooperattiva u kienu propjeta’ tal-membri kollha tal-Kooperattiva.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta pruvat biss ir-reat ta’ ragion fattasi li bih l-imputat

jinsab akkuzat permezz tal-ewwel akkuza izda mhux ir-reati ta’ serq aggravat u ricettazzjoni. L-intenzjoni tal-imputat meta ha dawn l-iskips kienet li jehodhom ghaliex pretenda li dawn kienu tieghu u mhux li jisraqhom. Irid jinghad inoltre li l-imputat ammetta li ha tlettax-il skip mill-Kalkara u tnejn minn Bormla u filfatt gew sekwestrati mill-garaxx tieghu tlettax-il skip biss (ara ricevuta relattiva a fol. 22 tal-process) ghalkemm fl-ewwel akkuzat huwa qed jigi akkuzat bis-serq ta’ tnejn u ghoxrin skip. Jinghad ulterjorment li John Boxall, is-Sindku tal-Birgu ra lill-imputat bl-iskips li ttiehdu mill-Birgu biss u Michael Cohen is-Sindku tal-Kalkara qal li ma kienx ra min kien ha l-ghoxrin skip li nstabu neqsin mill-Kalkara ghalkemm sostna li kien hemm xi nies li kienu raw l-iskips jittiehdu. Dawn in-nies qatt ma ttellghu jixhdu fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti jidrilha li l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat bl-ebda mod ma jista’ jinghad li gew pruvati mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn dawn l-akkuzi. Kif diga’ inghad aktar ‘il fuq irrizultat pruvata biss it-tielet akkuza u cioe’ ir-reat ta’ ragion

fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk l-imputat qed jigi misjub hati tal-imsemmija akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-koperazzjoni shiha u immedjata li kien hemm da parti tal-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn huwa mal-ewwel indika lil Pulizija l-post fejn kien ha l-iskips li huwa mal-ewwel ammeta li kien ha u ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi m’huwiex il-kaz li tigi mposta piena karcerarja izda li piena pekunjarja tkun aktar adatta fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfrornti tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------